**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR** | **CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Angelo Pisani

vs

Europa Tours

CCT 149/22/MS

17 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikunanna l-azjenda intimata thallsu s-somma ta' €1,160, parti minn prezz ta' mawra ghal zewg persuni ibbukjata mal-azjenda intimata, liema mawra ma lahitqx l-aspettattivi tar-rikorrent u dan minhabba diversi nuqqasijiet kif spjegat ahjar fix-xhieda tar-rikorrent u tal-mara tiehgu quddiem dan it-Tribunal

Ra illi l-azjenda intimata ma dahlitx riposta pero' Jesmond Vassallo deher quddiem dan it-Tribunal u ta ix-xiehda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent u l-mara tieghu bbukjaw btala mal-azjenda intimata bejn is-6 u t-13 ta' Lulju 2022 u hallsu €1,660 bejniethom. Il-prezz ghal gimgha kien ikopri zewg lukandi erba stilel. Xehdet Mary Pisani il-mara tar-rikorrent, li qalet li l-ewwel lukanda kienet sodisfacenti, pero' t-tieni wahda kienet malandata u f'post imwarrab. Il-lukanda kienet mahmuga, il-lift ma kienx jahdem, ma kienx hemm shower u l-art tant kienet mahmuga li tehel maghha. Iddeskrviet l-ikel bhala 'recycled' u qalet ukoll li l-magna tal-kafe ma kenitx tahdem. Xehed ukoll ir-rikorrent li qal li huma ghadu erbat iljieli fl-ewwel lukanda u gew infurmati illi t-tieni lukanda ma kenitix ha tkun dik tal-brochure. Meta wasslu kien hemm problema bid-dranagg u ma kellhomx ilma ghal gurnata shiha. Kien

hemm excursion minnhom li gie kancellat ghax hasbu li kien hemm nirien li ghalih ma kienx skuza.

Illi xehed ukoll Jesmond Vassallo rapprezentant tal-azjenda intimat li qal li minn hamsin ruh, kien ir-rikorrent biss li ilmenta fuq il-hmieg u l-ikel. Qal ukoll illi mhux biss il-lukanda inbidlet izda anke d-dati peress li kien hemm problem bl-iskeda tal-flights. Originarjament kien ha jitilqu fis-7 ta' Lulju u jigu lura fl-14 ta' Lulju, pero' l-WizAir biddlu l-iskema u mexxew kollox gurnata b'lura u fil-fatt l-invoice jindika l-gimghat bejn is- 6 - 13 Lulju. Qal ukoll illi fil-11 ta' Mejju huwa kien bghatt email biex javzahom li kienu ha jitilqu gurnata qabel u l-ewwel lukanda kellha post, pero' t-tieni lukanda ma kellhiex post u kellhom ibiddlu t-tieni lukanda. Fil-fatt huma marru Hotel Sileks minflok il-Millenium Hotel - li t-tnejn jinsabu fl-istess post u qal ukoll illi r-rikorrent u l-mara tieghu kienu informait bit-tibdil kemm fid-dati kif ukoll bil-lukanda. Qal ukoll illi huma setghu jitolbu flushom lura jekk riedu. Fuq il-problema tad-dranadg, qal illi l-problema kienet fuq barra u l-lukandi kellhom iwaqqqfu s-servizz tal-ilma sakemm isiru t-tiswijiet. Fil-fatt dakinhar huma marru excursion u sakemm gew lura, lahaq gie lura l-ilma.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza ir-rikorrent Angelo Pisani qed jitlob il-hlas ta' €1,160, parti minn prezz li huwa hallas ghal vaganza ghal gimgha shiha ghal tnejn minn nies.
Illi jibda biex jinghad ili l-prezz ta' €1,660 (€830 ghal kull persuna) kien jinkludi t-titjira, it-transfers u l-eskurzjonijiet, il-lukandi, l-ikel half board u t-taxxi. Bhala fatt ma kienx hemm problemi fl-ewwel lukanda u hemmhekk damu erbat iljieli - iktar minn nofs il-btala. Ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrent qed jippretendi illi jiehu €1,200, li huwa vicin tlett kwarti tal-ammont shih, meta bl-ammissjoni tieghu u ta' martu, l-ewwel lukanda kienet sodisfacenti u damu hemmhek ghal erbat iljieli.

Illi ghalkemm ir-rikorrent ighid illi ma kienux infurmati bit-tibdil tal-lukanda, it-Tribunal isibha difficli biex jemmen illi ma kienux infurmati. Pero' anke kieku, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-lukanda kellha tinbidel minhabba li kien hemm tibdil fl-iskeda tal-flights, u ma jistax ikun li ma kienux jafu b'dan it-tibdil ghaliex wara kollox huma kellhom jitilqu gurnata qabel. Illi ghalkemm ir-rikorrent u martu ilmentaw fuq il-hmieg u l-istat hazin tal-ghamara tal-lukanda, ma gabu l-ebda prova biex jissostanzjaw dawn l-allegazjonijiet. Anke jekk ma rnxxielhomx igibu persuni ohra li kienu maghhom fuq l-istess tour biex jikkorroboraw il-versjoni taghhom, kien jkun facli hafna biex jiehdu ritratt, pero' lanqas dan m'ghamlu.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ma ppruvax l-istanza sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru